**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 084/2017**

**NL (l-ilmentatrici)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.*** **(C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 t'Ottubru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici, fost affarijiet ohra, tghid li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien mar id-dar taghha u kienet lesta tinvesti s-somma ta' €15,530.

Ir-rapprezentant tal-provditur qalilha li l-ahjar investiment li setghet taghmel kien fl-'*ARM bond*'.

Qatt ma qalilha li kien hemm xi riskji f'dan l-investiment, anzi qalilha li kien jaghti imghax tajjeb.

Xi xahar wara, l-istess rapprezentant qalilha li kien hemm prodott tajjeb fl-Awstralja u n-nies kienu qed jaqilghu hafna flus minnu. L-ilmentatrici strahet fuq il-parir tieghu u investiet €12,000.

Wara xi xahar u nofs, l-istess rapprezentant qalilha li l-*ARM* mhux se jibqa' ghaddej u se jdawwru kollox fl-*LM* tal-Awstralja.

Illi ma jistax jinghad li dawn l-investimenti ma kellhomx riskju minn medju sa gholi meta jitqies l-imghax li kien jinghata ta' 8% fi zmien fejn il-*base rates* kienu relattivament baxxi.

Illi l-provditur ma mexiex mar-rekwiziti ta' *SLC 2.16 u 2.22.*

Illi *All Invest Co. Ltd*. ma pprovdewx taghrif bizzejjed biex l-ilmentatrici tkun tista' tifhem ir-riskji involuti fl-investiment biex tiehu decizjoni infurmata.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu illi l-ilment proprju huwa dikjarat li huwa l-investiment li saru fl-LMMPF ghal €27,530 kumplessivament jigifieri dawk li saru mill-ilmentatrici fuq parir tas-socjetà konvenuta tat-18 ta' Novembru 2010, fl-ammont ta' €12,000 u fid-19 ta' Jannar 2011, fl-ammont ta' €15,707.75 jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandha l-ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investiment *de quo* [All Invest Company Ltd. hija biss intermedjarju], u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;
3. Illi l-esponenti ma tistax tinstab responsabbli ghal dak li huwa effettivament ta' illegalitajiet kommessi allegatament mid-direttur tas-socjetà emmetrici tal-prodott;
4. Illi ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxietx sew, jew agixxiet b'mod negligenti jew traskurat, jew agixxiet bi ksur ta' xi regolamenti fil-konfront tal-ilmentatrici u, ghaldaqstant, m'ghandhiex tinstab responsabbli ghal ebda danni fil-konfront taghha;
5. Illi l-ilmentatrici kienet konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandha terfa' r-responsabilitajiet qua ilmentatrici billi terfa' l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad li jrid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-*affidavits* tal-ilmentatrici u zewgha**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz.**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

**Eccezzjoni dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur jghid li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jaqra hekk:

"*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.*"

Kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: ***John Grech vs Ivan Mifsud,* deciza fl-1 ta' April 2003:**

"*Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin.*"

Il-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili titlaq mill-premessa li l-ilmentatur ikun qed jallega htija akwiljana fil-konfront tal-provditur tas-servizz. Fil-kaz odjern huwa evidenti mill-ilment li l-ilmentatrici mhix tattribwixxi xi htija akwiljana lill-provditur tas-servizz izda qieghda tghid li frott ir-relazzjoni kuntrattwali li kienet tezisti bejnha u l-provditur tas-servizz meta taha parir u bieghilha prodotti finanzjarji, huwa ma qediex l-obbligi kuntrattwali u ma mexiex maghha kif kellu jimxi.

Il-*Purchase Contract Note* u l-ircevuti kollha jindikaw li kien hemm rabta kuntrattwali bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz u kif ritenut fis-sentenza gja kwotata:

"*Illi, madankollu, mhux kull hsara li ggarrab persuna minn ghamil jew nuqqas ta' haddiehor waqt it-twettiq ta' kuntratt tikkostitwixxi htija kuntrattwali: izda biex* ***tkun htija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jehtieg jintwera li l-ghamil li minhabba fih issir il-hsara jkun ghal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt.***"[1]

F'dan il-kaz, l-ilment huwa ibbazat fuq in-nuqqasijiet li ghamel il-provditur tas-servizz fl-ambitu ta' kuntratt ta' bejgh ta' prodott finanzjarju u, ghalhekk, ma tistax tapplika htija akwiljana skont l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Din it-tip ta' tranzazzjoni ukoll tqieset mill-Qorti[2] fejn gie konkluz li dawn it-tranzazzjonijiet u l-preskrizzjoni li tapplika m'hijiex dik ta' htija akwiljana.

**Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.**

Fit-tieni eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li huwa kien biss intermedjarju u, ghalhekk, ma jistax jinsab responsabbli ghat-telf li garrbet l-ilmentatrici.

Dwar din l-eccezzjoni li l-provditur tas-servizz huwa biss intermedjarju u, ghalhekk, ma jistax igorr responsabbiltà, il-fatti juru li l-provditur tas-servizz kienet kumpanija licenzjata mill-*MFSA* bhala provditur ta' servizzi finanzjarji u meta taghti dawn is-servizzi, dawn is-servizzi jkunu qed jinghataw f'isimha proprju bhala principal u mhux bhala agent.

Tant hu hekk, li l-*MFSA* ghandha regoli *ad hoc* ghal kumpaniji bhall-provditur tas-servizz odjern u kemm-il darba issanzjonat kumpaniji hekk imsejha "*intermedjarji*" li kienu qed joffru servizzi simili.

Li kieku l-Arbitru kellu jaccetta din l-eccezzjoni jfisser li kull min jaghti servizz ta' investiment bhal dan ma jkollu l-ebda responsabbiltà ghax jissejjah "*intermedjarju*" u, allura, jista' jagixxi ma' klijenti specjalment dawk "*retail*" kif irid u ma jkun responsabbli ghal xejn. Galadarba l-provditur tas-servizz ta servizz ta' parir u investa l-flus f'isem l-ilmentatur huwa ghandu jwiegeb ghal ghemilu.

---

[1] *Bold* tal-Arbitru

[2] *Roland Daramnin Kissaun et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017

Fin-nuqqas ta' dan, jibdew isehhu abbuzi kbar kontra l-interessi tal-konsumatur u telf ta' fiducja fil-qasam tal-investimenti fis-settur finanzjarju. Id-dokumenti kollha juru li *All Invest Co. Ltd.* kienet qieghda tagixxi bhala "*Independent Financial Advisors"* u iddikjarat ruhha bhala:

"*All Invest Co. Ltd. is licenced by the Malta Financial Services Authority to provide Investment Services under the Investment Services Act 1994".*[3]

Dan kollu juri li *All Invest Co. Ltd.* kienet qed tagixxi f'isimha bhala provditur tas-servizzi finanzjarji u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjonijiet l-ohra ser jigu koperti fil-mertu tal-kaz.

**Fil-Mertu**

L-ilmentatrici investiet l-ammonti ta' €12,000[4] u €15,707.75[5] fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*) fuq parir tal-provditur tas-servizz. L-ilmentatrici tishaq li dawn il-flus kienu t-tfaddil tal-familja mix-xoghol u mit-tfaddil tac-*Children's Allowance* tat-tfal, u li l-provditur tas-servizz bieghilha dan il-prodott minghajr ma kien addattat ghac-cirkostanzi u l-objettivi tal-investiment taghha, u minghajr ma infurmaha dwar ir-riskji li tali investiment kien igorr mieghu.

Fir-risposta tieghu, il-provditur jichad kwalunkwe repsonsabbiltà, però, jrid jinghad li l-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda prova f'dan il-kaz.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[6]**

Il-kaz huwa bazikament dwar allegazzjoni ta' *investment misselling* u nuqqas ta' adempjenza kuntrattwali da parti tal-provditur tas-servizz.

Biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar dan, l-Arbitru jrid, fuq kollox, jaghmel analizi tal-prodott, jara l-profil tal-ilmentatrici u jiehu in konsiderazzjoni d-

[3] A fol. 17
[4] A fol. 55
[5] A fol. 54
[6] Kap. 555 Art 19(2)(b)

dokumenti esebiti u provi ohra mressqa fil-kaz biex ikun jista' jasal ghal decizjoni skont il-parametri tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*)**

Skont l-ircevuti,[7] l-ilmentatrici investiet l-ammont ta' €12,000, fid-9 ta' Novembru 2010, u €15,707.75, fit-12 ta' Jannar 2011, liema prodott kien mibjugh lilhom minn *All Invest Co. Ltd.*

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg dokumenti u *Updates* dwar l-andament tal-investiment li kienu juru li dan il-prodott kien digà ghandu certi problemi ta' likwidità.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[8]

Il-fond huwa sospiz, u fi Frar 2014[9] hargu ordnijiet biex il-fond jigi llikwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fis-sena 2001, u kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[10] il-fond huwa deskritt bhala wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application,* li kien dokument li

---

[7] A fol. 54, 55
[8] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM*, cioè, *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*
[9] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/
[10] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf (accessat 22 ta' Marzu 2017)

jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[11]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[12] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[13]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**.

Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur, kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

***"Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current***

---

[11] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru *hosted* fuq *servers* tal-*internet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[12] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[13] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

***Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>.”***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta’ investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu “*wholesale*” jew “*sophisticated*”.

Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal “*wholesale*” u “*sophisticated investors*” f’kaz ta’ “*Australian resident investors*” biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f’dan ir-rigward fis-*Summary Flyer.*

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta’ Novembru 2009, taht it-Taqsima “*Withdrawal Notice Period”* (pg. 11) jintqal kif gej:

***“To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager.”***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta’ Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentaturi, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

1) F’dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu “*Updated Withdrawal Information*”. Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista’ jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista’ jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta’ pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta’ pagamenti ghal gbid.

2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh “*...to realise cash from the fund’s property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*”.

   Ikompli hekk il-paragrafu:

   *“The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are</u>*

*improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible."*

3) Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[14]

4) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

Imma l-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund***.**

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax prijorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment tal-anqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

[14] (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari; meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kinux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghal investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja, jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta' protezzjoni applikat fir-rigward ta' investituri Awstraljani.

Fuq kollox, mill-*Updates* li kienu digà hargu kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problem serji u li kieku saret *due diligence* serja mill-provditur tas-servizz kellu jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-ilmentatrici.

Dan il-prodott ghandu jitqies prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID* (kif anke riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA*,

*PART B* ta' l-*Investment Services Rules for Investment Services Providers*),[15] biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa (u, allura, il-provditur seta' jbiegh il-prodott minghajr ma jitlob informazzjoni minghand il-klijent fir-rigward ta' *Knowledge and Experience*), kellu jilhaq erba' principji f'daqqa.

Wiehed minn dawn il-principji huwa dan: "*there are frequent opportunities to dispose of, redeem, or otherwise realise that instrument at prices that are publicly available to market participants and that are either market prices or prices made available, or validated, by valuation systems independent of the issuer*."

Dan il-kriterju il-prodott ma jilhqux. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

**Kif sehhet it-Tranzazzjoni u jekk kellux jinbiegh dan il-Prodott lill-Ilmentatrici**

Fl-*affidavit* taghha,[16] l-ilmentatrici xehdet li flimkien ma' zewgha kien ilhom is-snin ifaddlu l-flus go bank, fosthom, il-flus li kellhom mic-*Children's Allowance*. Meta mar ikellimhom ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, kellhom imfaddla f'dan il-kont €15,500, u spjegawlu li huma riedu jdahhlu xi haga *extra* biex iziduha mal-paga tar-ragel. Huwa qalilhom biex ipogguhom go l-*ARM* li wara qalilhom li kien waqaf u qalilhom biex jinvestu l-flus mill-*ARM* go *LMMPF*.

Tant kien fahhar l-*ARM,* li huma cemplulu u qalulu li kellhom €12,000 imfaddla l-*BOV* u xtaqu jinvestuhom. Huwa qalilhom biex jinvestuhom fl-*LMMPF* tal-Awstralja ghaliex kien tajjeb hafna u b'imghax gholi. Dan ghamluh bil-flus li kellhom imfaddlin tat-tfal mic-*Children's Allowance.*

Fl-2011 qalilhom li l-*ARM* kien ser jieqaf u qalilhom biex jinvestuhom ukoll fl-*LMMPF* li ma kienx hemm ahjar minnu.

*"Il-kelma riskju qatt ma ssemmiet fil-fatt lilna dejjem kien jghidlna li l-prodott tajjeb hafna u imghax tajjeb hafna. Ahna ma tantx nifhmu f'dawn l-affarijiet u, ghalhekk, konna qaghdna fuq il-parir tieghu."*[17]

---

[15] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni

[16] A fol. 44-45

[17] A fol. 44

Wara li kienu ircevew xi imghaxijiet, kienu ircevew karta li ma kinux ser jiehdu l-imghax. Meta ikkuntattjaw lil Ramon Borg, li kien ir-rapprezentant li bieghilhom l-investiment, dan qalilhom li kienu ser jircievu xi karti u, fil-fatt, din kienet ittra tghidilhom li kellhom jaqilbu mal-*MFSP.* Wara dan ma hadu l-ebda sodisfazzjon lanqas mill-*MFSP.*

Din il-verzjoni tal-ilmentatrici mhix kontradetta ghaliex il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda prova.

L-Arbitru m'ghandux ghalfejn jiddubita din il-verzjoni tal-ilmentatrici kif korroborata minn zewgha.[18]

Mill-analizi tal-prodott 'il fuq imsemmija, jidher evidenti li l-provditur tas-servizz ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-ilmentatrici ghaliex, kif xehdet hija, ma ridetx tinvesti flusha u flus uliedha fi prodott riskjuz tant li setghet titlef il-kapital. Jirrizulta wkoll li l-provditur tas-servizz ma ghamilx analizi adekwata u ma zammx ruhu aggornat ma' kif kien sejjer l-*LMMPF* ghaliex sa mill-2009 dan il-prodott beda jkollu problemi u, skont l-*Updates* mahrugin mill-kumpanija stess li harget il-prodott u li kienu pubblici, kellu jinduna b'dawn l-izviluppi negattivi li sehhew qabel investielha flusha.

Ghalhekk, f'dan ir-rigward il-provditur tas-servizz naqas lill-ilmentatrici ghaliex bhala *Licenceholder* tal-*MFSA* kellu kull dmir li jimxi mar-regoli mahruga apposta skont id-Direttiva *MiFID* li kienu jaghtu protezzjoni lill-investitur.

Dawn ir-regoli[19] kienu jimponu obbligu fuq il-provditur tas-servizz li, fost affarijiet ohra, jara li l-prodott kien *suitable* jew *appropriate* ghall-investitur.

Fil-fatt, *SLC 2.13* tipprovdi li:

*"When providing investment advice or portfolio management services, the Licence Holder shall obtain the necessary information, in accordance with SLCs 2.16 to 2.20 and SLC 2.22 to 2.24 regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field relevant to the specific type of*

[18] A fol. 57

[19] *Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B1: Standard Licence Conditions* (*SLC)*

*product or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend to or, in the case of portfolio management, to effect for the client or potential client, the Investment Services and Instruments that are suitable for him."*

Imbaghad, *SLC 2.16* kienet tipprovdi li:

*"The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

c. *it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio."*

M'hemmx dubju li s-servizz moghti lill-ilmentatrici kien wiehed *Advisory* ghaliex, kif halfet hi stess, hija kienet qaghdet fuq il-parir ta' Ramon Borg li kien fahhar il-prodott *LMMPF* tant li hija kienet serhet rasha li flusha u flus uliedha kienu fis-sod.

L-Arbitru ikkonvinca ruhu minn dak li xehdet l-ilmentatrici li hija u zewgha kienu investituri zghar bla esperjenza ta' xejn fl-investimenti u, ghalhekk, ma kellhomx dik l-esperjenza u t-taghrif li setghu jindunaw bir-riskji tal-investiment u li setghu jaslu ghal decizjoni hielsa li jinvestu f'dan il-prodott kif ir-regoli 'l fuq ikkowtati jitolbu.

Barra minn hekk, l-ilmentatrici ma kinetx "*such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives";*

u l-investiment *de quo* ma kienx jilhaq "*the investment objectives of the client in question".*[20]

Dan ifisser li l-provditur tas-servizz bieghilha prodott li ma kienx *suitable* ghaliha u, ghalhekk, ghamel bejgh hazin tal-prodott.

*In oltre*,il-provditur tas-servizz ma mexiex mar-regola ewlenija li kienet torbtu bhala *Licence Holder* tal-*MFSA* jigifieri li: "*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients".*[21]

Dan kollu wassal ghal inadempjament kuntrattwali fil-konfront tal-ilmentatrici u wkoll ghat-telf li garrbet.

L-investiment *de quo* ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur kif jipprovdi l-Artikolu 19(3)(c) tal-Kap. 555 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghar-ragunijiet kollha 'l fuq moghtija l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.

**Peress li sar bejgh hazin ta' prodott, l-ilmentatrici ghandha kemm jista' jkun titpogga fil-qaghda finanzjarja li kienet fiha qabel ghamlet l-investimenti fl-*LMMPF.***

**Hija investiet b'kollox l-ammont ta' €27,707.75. Izda hija dahhlet imghax kumplessiv ta' €4,281.73,[22] u dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont investit. Ghalhekk l-ilmentatrici jibqalha tiehu l-ammont ta' €23,426.02.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lill-*All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' tliet u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u sitta u ghoxrin u zewg centezmi (€23,426.02).**

---

[20] *SLC 2.16*
[21] *SLC 2.01*
[22] A fol. 46 sa 53

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**